TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 196/14/F

**France u Mary Suda**

**vs**

**Clive Micallef**

Illum 25 t'April, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Settembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti prezz ta' inkarigu ta' xogħol li l-istess intimat bdieh u ma kompliehx.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi l-bitħa tagħhom li qegħda fuq żewġ garaxxijiet bdiet toqtor l-ilma u ried jagħmel xogħol ta' riparazzjoni u għalhekk ingaġġa lill-intimat, illi tah seba' mitt ewro (€700) depożitu fejn kisser il-madum u tefgħu fl-iskip. Illi ma setax ikompli bix-xogħol għax it-torba kienet imxarrba u li talbu elf u mitejn ewro (€1,200) oħra, u li r-rikorrenti kien ħallsu disa' mitt ewro (€900) sabiex iġib torba ġdida. Minkejja li tneħħiet it-torba, l-intimat imbagħad abbanduna x-xogħol u għalhekk ir-rikorrenti qed jitlob l-ammont ta' disa' mitt ewro (€900) bħala kumpens.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat kien verament beda x-xogħol pero' ma kompliehx u ħallieh lampa stampa u li r-rikorrenti ħallas żejjed għax-xogħol li sar.

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' disa' mitt ewro (€900), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**